# IL-KELMA TQANQAL U L-EZEMPJU JKAXKAR

Omm ta' tifel li kien ihobb jiekol hafna zokkor marret ghand Ghandi u talbitu jghid lil binha biex jieqaf jiekol iz-zokkor. Ghandi talabha biex tiehu mil-gdid it-tifel taghha gimgha wara din l-ewwel laqgha tieghu mat-tifel.

F'gheluq il-gimgha l-omm kienet tinsab ma' binha quddiem Ghandi. U Ghandi qal lil tifel: "Jekk jghogbok ieqaf u tkomplix tiekol iz-zokkor."

L-omm irringrazzjat lil Mahatma u hekk kif kienet tielqa minn hdejh daret lura u qaltu: "Ghaliex dan il-kliem ma ghidtulux l-gimgha l-ohra?" Ghandi wegibha:" Ghaliex il-gimgha li ghaddiet jiena kont ghandi niekol iz-zokkor."

*Jekk trid tara d-dinja timbidel, inti trid tkun l-ewwel wiehed li timbidel.*

*Kif jghid tajjeb il-Malti: Il-kelma tqanqal izda l-ezempju jkaxkar. Mela naghmlu hilitna biex zghir kemm hu zghir l-isforz taghna biex nibnu dinja ahjar, dan naghmluh bil-kuragg.*